MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Numru 199/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Mizzi**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Mizzi talli fis-26 ta' Awissu 2002 ghall-habta tas-6:00 ta' filghaxija f'art fl-inhawi maghrufa bhala 'Ta Lambert', fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex, (**1**) ikkommetta vjolazzjoni ta' proprjeta` a dannu ta' Ganni u Paola konjugi Attard meta qabad u dahal fl-istess proprjeta`; kif ukoll (**2**) talli kkommetta hsara volontarja a dannu ta' l-istess konjugi Attard liema hsara tammonta ghal madwar mitt lira (Lm100);

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-30 ta' Settembru 2004 li permezz taghha dik il-qorti "astjeniet" milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel

imputazzjoni peress li rriteniet li l-azzjoni fir-rigward tar-reat ipotizzat f'dik l-imputazzjoni kienet preskritta, u sabet lill-istess Mizzi hati skond it-tieni imputazzjoni (b'dan li l-ammont ta' hsara ma kienx jeccedi l-hamsin lira) u kkundannatu multa ta' mitt lira (Lm100);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Paul Mizzi, minnu prezentat fil-11 ta' Ottubru 2004, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza li fiha l-ewwel qorti qalet li kienet qed tastjeni milli tiehu "konjizzjoni ulterjuri" tal-ewwel imputazzjoni minhabba l-preskrizzjoni trimestrali. L-appellant ghandu ragun. Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ggib bhala konsegwenza l-liberazzjoni ta' l-akkuzat jew imputat mir-reat – delitt jew kontravvenzjoni – li bih ikun akkuzat. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha proprjament tillibera lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni u mhux, bhalma jigri meta imputazzjonijiet ikunu evidentement ingiebu bhala alternattivi wahda ghal ohra, semplicement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dik l-istess imputazzjoni.

It-tieni, t-tielet u r-raba aggravji jirrigwardaw il-meritu (il-hames aggravju, li huwa alternattiv u minghajr pregudizzju ghat-tlieta ta' qablu, jirrigwarda l-piena). Bazikament b'dawn it-tliet aggravji l-appellant jikkontendi li huwa qatt ma kellu jinstab hati skond it-tieni imputazzjoni ghax ma giex sodisfacentement pruvat li huwa ghamel xi hsara fil-proprjeta` tal-kwerelanti konjugi Attard.

Kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti jekk tkun tal-fehma li tali apprezzament kien, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wiehed li dik il-qorti setghet legalment u ragjonevolment taghmel. Fil-kaz in dizamina, izda, din il-Qorti, wara li qrat id-deposizzjonijiet kollha (li huma traskritti) difficilment tista' tifhem kif l-ewwel qorti waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija. Huwa veru li l-ewwel qorti

kellha l-beneficcju li tisma' u tara lid-diversi xhieda jiddeponu quddiemha; pero` anke jekk wiehed kellu jikkoncedi l-margini ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward lill-ewwel qorti, mill-kumpless tal-provi tant hu evidenti li hemm konfltt ta' provi fuq materja fondamentali ghall-finijiet tat-tieni imputazzjoni – u cioe` minn effettivament kellu l-pusses ta' l-ghalqa in kwistjoni u allura ta' min kienu s-sigar u affarijiet l-ohra li kien hemm fiha – li l-ewwel qorti ma setghetx ragjonevolment tikkonkludi li l-appellant ghamel hsara fi proprjeta` tal-konjugi Attard. L-aktar li wiehed jista' jghid a bazi tal-provi akkwiziti huwa li l-konjugi Attard, ad insaputa ta' l-appellant u tal-persuna li lilha hija mqabbla l-art (Maria Vella), dahlu fl-istess art u ghamluha taghhom, apparentement bla titolu ta' xejn, b'mod li l-appellant, li kien qed jagixxi fl-interess ta' ohtu Maria Vella, kellu kull dritt li jnehhi l-affarijiet klandestinament imqieghda fil-ghalqa in kwistjoni. Kollox ma' kollox din il-Qorti ma tarax li jista' jinghad li l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz ippruvat l-akkuza ta' hsara volontarja fi proprjeta` ta' terzi sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, jigifieri lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni. Konsegwentement din il-Qorti tara li hemm lok li s-sentenza tigi revokata ghal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' htija. Konsegwentement ukoll ma hemmx lok li wiehed jezamina l-ahhar aggravju ta' l-appellant.

Ghall-motivi premessi, filwaqt li, ghal kull buon fini, qed jigi dikjarat li l-appellant effettivament gie lliberat mill-ewwel imputazzjoni, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu din sabitu hati skond it-tieni imputazzjoni u kkundanntu multa ta' mitt lira, u minflok tiddikjarah mhux hati ta' din it-tieni imputazzjoni u, ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------